MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 162/2022 LM

**Asrat Teshome Million (K.I. 3652A)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Greens Supermarket Limited (C 43233)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Greens Supermarket Limited (C 43233)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-7 ta' Diċembru, 2022, fejn it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent **Asrat Teshome Million (K.I. 3652A)** [hawnhekk 'l-appellat'] mill-impjieg li kellu mas-

soċjetà intimata ma seħħx għal raġuni sewwa u suffiċjenti, u konsegwentement ordna kumpens fis-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000).

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata fl-istabbiliment li għandha fis-Swieqi, u li huwa tkeċċa mill-impjieg għaliex ħa is-*sick leave.* Ir-rikorrent qal li għalhekk it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg seħħet mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u din it-tkeċċija hija invalida u mingħajr bażi legali. Ir-rikorrent qal li huwa ġie mċaħħad ukoll minn dak li kien dovut lilu bħala *leave, bonus* u pagi sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, u meta tkeċċa huwa sab ruħhu f'sitwazzjoni prekarja u anki sofra danni. Permezz tat-talbiet tiegħu lit-Tribunal, ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet inġusta, u li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas l-ammonti dovuti minnha, filwaqt li in difett ta' re-integrazzjoni fix-xogħol, talab li jingħata kumpens xieraq, liema kumpens ikun jirrifletti l-fatt li huwa kien ilu impjegat tas-soċjetà rikorrenti għal seba' snin.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li r-raġuni għalfejn ir-rikorrent tkeċċa mill-impjieg fit-18 t'April, 2021 kienet waħda valida u legali, u dan għaliex ir-rikorrent ġie mwissi diversi drabi dwar imġiba mhux xierqa fuq il-post tax-xogħol, u nuqqas ta' rispett lejn il-kollegi u d-diretturi tiegħu. Is-soċjetà intimata spjegat li kien hemm diversi drabi meta r-rikorrent qabad u ma daħalx xogħol, jew telaq mix-xogħol qabel il-ħin, u dan l-aġir ġie nnutat diversi drabi minn persuni responsabbli mid-dipartiment fejn kien jaħdem ir-rikorrent. Is-soċjetà

intimata qalet li r-rikorrent kien jhedded u jiġġieled ma' kull min kien jipprova jfehmu jew jgħaddilu xi xogħol matul il-ġurnata tax-xogħol tiegħu. Qalet ukoll li kien hemm drabi meta r-rikorrent ma kienx jippanċja skont ir-regoli tal-kumpannija, u minkejja li sikwit kienet tinġibed l-attenzjoni tiegħu għal dan, huwa kien jippersisti fl-aġir tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet li kemm-il darba ingħataw ordnijiet lir-rikorrent u dan irrifjuta li jsegwiehom, u semmiet episodju meta r-rikorrent ġie ordnat jagħmel xogħol fl-istabbiliment tagħha ta' Għawdex u dan irrifjuta, u qal lil sħabu li dakinhar kien ser iċempel *sick.* Is-soċjetà intimata qalet li d-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrent jiġi waqqaf ittieħdet dakinhar. Qalet ukoll li r-rikorrent naqas milli jinforma lis-superjuri tiegħu li kien ser ikun assenti mix-xogħol minħabba mard, u kien erbat ijiem wara li dan ippreżenta ruħu għax-xogħol b'ċertifikat mediku. Is-soċjetà intimata qalet li dan iċ-ċertifikat ma ġiex aċċettat, u r-rikorrent ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ser jintemm b'effett immedjat bħala parti minn proċedura ta' dixxiplina. Qalet ukoll li dan seħħ minkejja li kien sar xogħol u ġbir ta' dokumenti biex il-permess tax-xogħol tar-rikorrent jiġġedded mill-Aġenzija JobsPlus, u dan proprju fil-ġranet qabel huwa tkeċċa mill-impjieg.

**<u>Mertu</u>**

4. Fid-Dikjarazzjoni tal-Każ tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa tkeċċa mill-impjieg *on the spot,* wara episodju ta' darba fejn irrapporta li kien marid. Qal li din ma kinitx tkeċċija ġusta, partikolarment wara li huwa kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata seba' snin, u qatt ma kien hemm ilmenti dwaru.

5. **Jesmond Grech**, in rappreżentanza tas-soċjetà intimata, spjega li huwa jaħdem bħala *HR and Payroll Manager*. Qal li l-kumpannija għandha *supermarket* f'Għawdex, u r-rikorrent ġie ordnat jitla' jagħmel xi xogħol f'dan l-istabbiliment, iżda dan kien irrifjuta. Qal li r-rikorrent kien tkellem ma' sħabu, u qalilhom li jekk jintalab imur Għawdex, huwa kien ser iċempel *sick.* Qal li dakinhar iltaqa' l-Bord tal-kumpannija u ttieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien jifforma parti mit-tim tal-*maintenance* tal-kumpannija. Qal ukoll li kien hemm episodji oħrajn fejn ir-rikorrent kien jaqbad u ma jidħolx għax-xogħol mingħajr ma javża lil ħadd, u kien hemm drabi meta r-rikorrent ingħata twissijiet, iżda kien jirrifjuta li jiffirmahom. Qal ukoll li r-rikorrent qatt ma ried jisma' minn ħadd, u kien juri li ma tantx jimpurtah mix-xogħol. Qal ukoll li s-soċjetà intimata kienet ilha taħseb biex tkeċċi lir-rikorrent mill-impjieg.

6. **Angelica Saville**, impjegata mas-soċjetà intimata bħala *Administration Payroll Assistant,* spjegat li hija kienet ilha titlob lir-rikorrent jgħaddilha d-dokumenti sabiex il-liċenzjar tiegħu jiġi regolarizzat, iżda dan kien jirrifjuta u kien juri li ma tantx jimpurtah jekk l-affarijiet tiegħu jkunux regolarizzati jew le. Ix-xhud qalet li meta rnexxielha tikseb il-liċenzja tar-rikorrent minn JobsPlus, ir-rikorrent naqas milli jirrapporta għax-xogħol minkejja li ma informa lil ħadd li kien ma jiflaħx. Qalet li kien biss wara madwar ħamest ijiem li r-rikorrent ippreżenta ċertifikat mediku. Ix-xhud qalet li kien hemm episodji oħra meta r-rikorrent naqas li jippreżenta ċertifikat ta' mard, iżda ppretenda li jitħallas xorta waħda mill-kumpannija.

7. **Amanda Darmanin**, ukoll *HR and Payroll Manager* mas-soċjetà intimata, spjegat li d-deċiżjoni dwar it-tkeċċija tar-rikorrent kienet ilha biex tittieħed diversi xhur. Qalet li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet b'mod verbali u anki twissijiet bil-miktub li huwa rrifjuta li jiffirma. Ix-xhud qalet li d-deċiżjoni finali ttieħdet meta s-*supervisors* tar-rikorrent riedu jibagħtuh jaħdem Għawdex, u dan qal lil sħabu li kien ser jirrapporta li ma jiflaħx, kif fil-fatt għamel. Qalet ukoll li min-naħa tar-rikorrent kien hemm dewmien biex ippreżenta ċ-ċertifikati u d-dokumenti meħtieġa sabiex tinħariġlu l-liċenzja minn JobsPlus, u wara xi żmien ġie stabbilit li l-karta tal-identità tiegħu kienet skaduta u huwa lanqas biss ħa ħsieb iġeddidha. Ix-xhud qalet ukoll li r-rikorrent tkeċċa bħala miżura ta' dixxiplina, u meta persuna titkeċċa mill-impjieg b'dan il-mod, hija titħallas il-paga bażika dovuta lilha, tal-ġranet ta' *leave* li jkun għad fadlilha, il-*pro rata bonus* tal-Gvern, iżda mhux għan-*notice.* Ix-xhud qalet li meta r-rikorrent kien jitqabbad jagħmel xogħol barra mill-ħin normali tiegħu, huwa kien jitħallas tas-sahra li kien jaħdem.

8. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu jaħdem mas-soċjetà intimata għal seba' snin. Qal li huwa kien jaħdem fis-sezzjoni tal-manutenzjoni. Qal li huwa qatt ma ngħata twissijiet fuq il-post tax-xogħol, għalkemm kien hemm impjegati oħra li ġew imwissija. Qal ukoll li huwa għamel sitt xhur jaħdem fl-istabbiliment tal-kumpannija ġewwa Għawdex, iżda l-aħħar darba li tqabbad imur Għawdex ma setax imur għaliex kien ma jiflaħx u ma setax jerfa' oġġetti tqal. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ir-rikorrent ikkonferma li martu wkoll kienet impjegata mas-soċjetà intimata fejn kienet għadha taħdem. Qal li dakinhar li hu rrifjuta li jmur jaħdem fl-istabbiliment ta' Għawdex, huwa kien ma jiflaħx u t-

tabib tah parir li jistrieħ għal tliet ijiem. Ix-xhud qal li minkejja li meta huwa rritorna għax-xogħol ippreżenta ċ-ċertifikat tal-mard, dan ġie rifjutat minn Amanda Darmanin, li qaltlu li s-soċjetà intimata kienet ħadet id-deċiżjoni li titterminalu l-impjieg.

## Id-Deċiżjoni Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma seħħitx għal raġuni sewwa u suffiċjenti, u għalhekk iddeċieda li dan għandu jingħata kumpens fis-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"3. __Kunsiderazzjonijiet__*

*Is-soċjetà intimata tgħid li r-Rikorrent kien ġie mwissi verbalment diversi drabi fuq aġir mhux xieraq lejn il-kollegi tiegħu kif ukoll fil-konfront tal-Kumpannija u d-Diretturi tagħha. Kellu ħafna nuqqasijiet dwar ippanċjar, jonqos li jattendi għax-xogħol, jhedded u jiġġieled ma' kull min kien jgħaddilu xogħol u jonqos li jmur Għawdex ma' sħabu kif kien ikun ordnat. Ir-Rikorrent li kien ilu jaħdem mas-soċjetà intimata għal seba' snin jgħid li kellu diffikultà jsib xhieda għaliex dawn huma ex-kollegi tiegħu li jsibuha diffiċli jixhdu mingħajr ma jipperikolaw ruħhom. It-Tribunal ried jeżamina sewwa r-raġuni għat-tkeċċija tar-Rikorrent. Intqal li dan kellu ħajja lavorattiva ta' seba' snin mimlija nuqqasijiet. Provi ftit insibu. Hemm* warning *waħda bid-data tas-7 ta' Ottubru, 2020. Hemm ukoll numru ta' dokmenti ppreżentati fil-21 ta' Ġunju, 2021 minn Amanda Darmanin li jidhru li huma* attendance sheets *li ma ġewx spjegati u li għaldaqstant jekk dawn huma intiżi bħala xi provi l-valur probatorju tagħhom mhux ċar. Il-każ jidher li ġie impernjat fuq l-inċident tan-nuqqas tar-Rikorrent li jmur Għawdex. Dana tgħidu b'mod ċar l-istess Amanda Darmanin fid-dikjarazzjoni tal-każ fejn tgħid* "Filfatt kien dakinhar illi ddeċidejna illi għana *(sic)* inwaqqfu l-impjieg tas-Sur Teshoma". *Dana ġie konfermat ukoll minn Angelica Saville,* administration payroll assistant, *li tgħid testwalment* "but the reason was not because of the licence ... It was because he refuses to go to Gozo" *(seduta 22 ta' Settembru, 2021). Jidher li s-*

*sick leave, skont is-soċjetà intimata kien premeditat u dikjarat hekk mir-Rikorrent. Xhieda diretti ma kienx hemm għaliex il-*manager *Jesmond Grech jgħid* "Qal lil sħabu ... qed tifhem, ovvjament smajtu jiena wkoll. Għada jekk ħa nitla' Għawdex jiena sick" *(Seduta 22 ta' Settembru, 2021). Fil-kontro-eżami ftit minuti wara l-istess xhud jgħid* "Jien ma smajtux" *(l-istess seduta). It-Tribunal għaldaqstant kellu quddiemu każ ta' impjegat li jidher li ma kienx eżemplari iżda li żamm l-impjieg tiegħu għal seba' snin sħaħ. Kien in-nuqqas tiegħu li jobdi lis-superjuri tiegħu speċifikament biex imur jaħdem Għawdex li rriżulta fit-tkeċċija tiegħu. Jekk wieħed jassumi għall-grazzja tal-argument li s-*sick leave *tiegħu kien fittizju u għalhekk naqas li jmur Għawdex wieħed irid jara jekk dan kienx jammonta għal ġusta kawża għal-liċenzjament tiegħu. Kemm il-darba dan it-Tribunal anke diversament presjedut ikkunsidra li t-tkeċċija mill-impjieg hija s-sanzjoni estrema. Din trid tkun ta' ċerta serjetà u tirrispondi għall-prinċipju ta' proporzjonalità mal-allegat nuqqas. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal in-nuqqas tar-rikorrent li jmur Għawdex għax-xogħol kif mitlub mis-superjur tiegħu, anke jekk wieħed jiskarta l-fatt li r-Rikorrent seta' kien ġenwinament fuq* sick leave, *ma kienx jikkostitwixxi raġuni tajba għal-liċenzjament.*

***4. Deċiżjoni***

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li t-tkeċċija ta' Asrat Teshome Million minn mas-soċjetà Greens Supermarket Limited ma kinitx għal raġuni sewwa u suffiċjenti.*

***5. Kumpens***

*Wara li ra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, qies is-snin li r-Rikorrent kien ilu jaħdem mal-istess soċjetà, id-danni reali u t-telfien li huwa bata t-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lil Asrat Teshome Million minn Greens Supermarket Limited fl-ammont ta' €17,000 (sbatax-il elf Euro). B'hekk jintemm dan il-każ."*

## L-Appell

10. Is-soċjetà intimata ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u interponiet appell minnha fil-21 ta' Diċembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevokaha u tikkanċellaha, u minflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha fis-sens li t-tkeċċija tal-impjegat kienet waħda ġusta u proporzjonata, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

11. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija kienet impjegat lill-appellat sabiex jaħdem fit-taqsima tal-manutenzjoni tas-*supermarkets* tagħha. Qalet li tul is-snin, l-appellat beda jonqos mid-dmirijiet tiegħu, billi jirrifjuta li jipproduċi dokumenti mitluba lilu, jonqos milli jeżegwixxi dmirijietu, u jonqos mir-rispett li wieħed huwa mistenni li juri lejn il-kollegi. Is-soċjetà appellanta qalet li jkun hemm drabi meta l-impjegati tagħha jintalbu jaqdu dmirhom fl-istabbiliment ta' Għawdex, iżda li l-appellat beda jirrifjuta li jmur jaħdem Għawdex, u ċempel *sick* f'waħda mill-ġranet meta kellu jmur jaħdem Għawdex. Qalet li kien minħabba dan l-aġir tal-appellat, li huwa ngħata diversi twissijiet, kemm verbali kif ukoll bil-miktub, liema twissijiet iżda qatt ma ġew aċċettati minnu, sakemm kellha tittieħed id-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat kellu jiġi tterminat. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, partikolarment fejn dan qal li t-tkeċċija mill-impjieg hija sanzjoni estrema li tittieħed fil-konfront tal-impjegat. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern hija osservat dan il-prinċipju legali, u t-tkeċċija tal-impjegat ma seħħitx mal-ewwel nuqqas tiegħu. Is-soċjetà appellanta spjegat li n-nuqqasijiet tal-appellat ġew indirizzati fix-xhieda mogħtija minn diversi esponenti tal-*management* tagħha. Qalet li x-xhud Jesmond Grech ikkonferma li l-appellat kien iqatta' ħafna ħin barra, jew ipejjep waqt li l-kollegi tiegħu jibqgħu għaddejjin bix-xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li kien hemm episodju fejn l-appellat saħansitra kaxkar saqajh biex jissottometti dokumenti marbuta mal-liċenzjar tiegħu, u dan l-aġir xekkel ix-xogħol tal-HR għaliex dawn ma setgħux japplikaw għad-dokumenti meħtieġa fil-ħin. Is-soċjetà appellanta qalet li l-fatt li l-appellat inżamm fl-impjieg għal seba' snin sħaħ juri kemm hija ppruvat ittejjeb is-sitwazzjoni tiegħu u ħadet miżuri proporzjonati skont il-ħtieġa. Qalet ukoll li fl-aħħar mill-aħħar,

ma kienx ikun ġust fuq l-impjegati l-oħra li dejjem jaqdu dmirhom kif suppost li kollox jibqa' għaddej, filwaqt li l-appellat jiddeċiedi li ma jmurx ix-xogħol mingħajr ebda raġuni għal dan. Is-soċjetà appellanta saħqet li fil-każ odjern it-tkeċċija kienet l-unika soluzzjoni, u fil-fehma tagħha t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament xieraq tal-prinċipju ta' proporzjonalità, iżda qal biss li r-rifjut tal-appellat li jaqdi dmiru ġewwa Għawdex ma kellux iwassal għal-liċenzjament tiegħu. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-osservazzjoni tat-Tribunal li l-appellat ma kienx impjegat eżemplari, iżda li nżamm fl-impjieg tas-soċjetà appellanta għal seba' snin sħaħ, u qalet li hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex tevita t-tkeċċija, u l-appellat qatt ma ċaħad li huwa ngħata twissijiet kemm verbali kif ukoll bil-miktub. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern ġie ppruvat ukoll li s-*sick leave* kien wieħed fittizju, iżda dan il-fatt ma ġiex ikkunsidrat mit-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Permezz tal-aggravju tagħha s-soċjetà appellanta tinsisti li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet miżura proporzjonata. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kien ingħata twissijiet qabel, kien hemm episodji fejn huwa wera nuqqas ta' interess li jikkopera fuq il-post tax-xogħol, u r-raġuni ewlenija li finalment wasslet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, kienet l-istanza fejn huwa ntalab jirrapporta għax-xogħol fl-istabbiliment li s-soċjetà appellanta għandha ġewwa Għawdex, iżda

dan informa lil sħabu li dakinhar kien ser iċempel *sick,* u fil-fatt hekk għamel. Jirriżulta li meta l-appellat reġa’ daħal ix-xogħol u ppreżenta ċ-ċertifikat mediku tiegħu, is-soċjetà appellanta rrifjutat dan iċ-ċertifikat u infurmat lill-appellat li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat. Quddiem it-Tribunal xehed l-appellat, li qal li r-raġuni għalfejn huwa ppreżenta ċertifikat ta’ mard, kienet minħabba uġigħ jew problemi fil-muskoli għaliex ma setax iqandel oġġetti tqal.

13. Il-Qorti tqis li wara li r-relazzjoni ta’ xogħol bejn is-soċjetà appellanta u l-appellat kienet ilha għaddejja sebgħa snin, ma kellux ikun li dan jitkeċċa mill-impjieg mingħajr ma lanqas biss jingħata ċ-ċans ifisser ir-raġunijiet għalfejn huwa naqas milli jirrapporta għax-xogħol f’ġurnata partikolari. Mix-xhieda li nstemgħet, jirriżulta li d-deċiżjoni li l-appellat jitkeċċa mill-impjieg ittieħdet fl-assenza tiegħu, mingħajr ma nstemgħet il-verżjoni tiegħu, u waqt li huwa ma kienx fuq il-post tax-xogħol biex seta’ jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. Agħar minn hekk, l-appellat ġie infurmat li kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg fl-istess waqt li huwa ppreżenta ċ-ċertifikat mediku tiegħu, u għalhekk is-soċjetà appellanta ma vverifikatx jekk l-assenza tal-appellat mill-impjieg f’ġurnata partikolari seħħitx għal raġuni li setgħet kienet ġustifikabbli. In vista tal-mod kif seħħew l-affarijiet fil-każ odjern, il-Qorti jkollha taqbel mat-Tribunal Industrijali li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma seħħitx għal raġuni ġustifikabbli fil-liġi, u ma kinitx proporzjonata għall-allegat nuqqas tal-appellat. Il-Qorti tosserva wkoll li ma nġabet l-ebda prova konkreta li kien hemm episodji oħra fejn l-appellat ingħata twissijiet jew ġie dixxiplinat, jew li verament kien hemm dawn l-allegati nuqqasijiet min-naħa tal-appellat fil-qadi ta’ dmirijietu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**